

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2244****tat-3 ta' Diċembru 2015****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 fir-rigward tal-livell li fih jiskattaw id-dazji addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 183(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 <sup>(2)</sup>, jistipula li għandu jkun hemm sorveljanza tal-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness XVIII tiegħu. Dik is-sorveljanza għandha titwettaq skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 <sup>(3)</sup>.
- (2) Għall-finijiet tal-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agricoltura <sup>(4)</sup> li ġie konkluż matul il-laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj dwar il-kummerċ u fid-dawl tal-aktar dejta reċenti disponibbli għall-2012, l-2013 u l-2014, il-livell li fih jiskattaw id-dazji addizzjonali fuq ċertu frott u ħxejjex għandu jiġi emendat b'effett mill-1 ta' Novembru 2015.
- (3) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 għandu jiġi emendat skont dan. Għal raġunijiet ta' leġġibbiltà, jeħtieġ li l-Anness XVIII ta' dak ir-Regolament jinbidel fl-intier tiegħu.
- (4) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat li din il-miżura tapplika kemm jista' jkun malajr wara li d-dejta aġġornata ssir disponibbli, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness XVIII tar-Regolament (UE) Nru 543/2011 huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2015.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat (ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1).<sup>(4)</sup> ĠU L 336, 23.12.1994, p. 22.

## ANNEX

## "ANNEX XVIII

## DAZZI ADDIZZJONALI FUQ L-IMPORTAZZJONI: IT-TITOLU IV, KAPITOLU I, TAQSIMA 2

Mingħajr ħsara għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija kkunsidrata biss bħala indikattiva. L-ambitu tad-dazji addizzjonali għall-finijiet ta' dan l-Anness huwa ddeterminat mill-ambitu tal-kodiċijiet NM kif kienu meta seħħet l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu ta' applikazzjoni	Livell tal-iskattar (ftunnellati)
78.0015	0702 00 00	Tadam	Mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Mejju 2016	451 045
78.0020			Mill-1 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Settembru 2016	29 768
78.0065	0707 00 05	Ħjar	Mill-1 ta' Mejju 2016 sal-31 ta' Ottubru 2016	16 093
78.0075			Mill-1 ta' Novembru 2015 sat-30 ta' April 2016	13 271
78.0085	0709 91 00	Qaqoċċ	Mill-1 ta' Novembru 2015 sat-30 ta' Ġunju 2016	16 157
78.0100	0709 93 10	Zukkini	Mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015	263 359
			Mill-1 ta' Jannar 2016 sat-31 ta' Diċembru 2016	258 846
78.0110	0805 10 20	Larinġ	Mill-1 ta' Diċembru 2015 sal-31 ta' Mejju 2016	713 508
78.0120	0805 20 10	Klementina	Mill-1 ta' Novembru 2015 sal-aħħar ta' Frar 2016	267 618
78.0130	0805 20 30 0805 20 50 0805 20 70 0805 20 90	Mandolina (inklużi l-varjetajiet tangerine u satsuma); wilkings u ibridi simili taċ-ċitru	Mill-1 ta' Novembru 2015 sal-aħħar ta' Frar 2016	105 541
78.0155	0805 50 10	Lumi	Mill-1 ta' Ġunju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015	302 950
			Mill-1 ta' Ġunju 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016	293 087
78.0160			Mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Mejju 2016	65 269
78.0170	0806 10 10	Għeneb tal-mejda	Mill-21 ta' Lulju 2015 sal-20 ta' Novembru 2015	68 450
78.0175	0808 10 80	Tuffieħ	Mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Awwissu 2016	667 666
78.0180			Mill-1 ta' Settembru 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015	464 902
			Mill-1 ta' Settembru 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016	54 155

Numru tal-ordni	Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Perjodu ta' applikazzjoni	Livell tal-iskattar (ftunnellati)
78.0220	0808 30 90	Lanġas	Mill-1 ta' Jannar 2016 sat-30 ta' April 2016	170 513
78.0235			Mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 Mill-1 ta' Lulju 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016	235 468 118 018
78.0250	0809 10 00	Berquq	Mill-1 ta' Ġunju 2016 sal-31 ta' Lulju 2016	5 422
78.0265	0809 29 00	Ċirasa, għajr iċ-ċirasa qarsa	Mill-21 ta' Mejju 2016 sal-10 ta' Awwissu 2016	29 831
78.0270	0809 30	Ħawħ, inkluż nuċiprisk	Mill-11 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Settembru 2016	4 701
78.0280	0809 40 05	Għanbaqar	Mill-11 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Settembru 2016	17 825"